MINUTI

Laqgħa tal-Kunsill Lokali Rabat, Città Victoria

ID-DISA' LEĠIŻLATURA

Laqgħa Numru KLR 24/IX/2026

It-Tlieta, 29 ta' Settembru, 2026 fid-09:00

Fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill Lokali

Preżenti:
Is-Sur Brian Azzopardi – Sindku
Is-Sur George Cassar – Viċi Sindku
Is-Sur Josef Schembri – Kunsillier
Is-Sur Joseph Debrincat – Kunsillier
Is-Sur Michel Buttigieg – Kunsillier

Skużati:

Is-Sinjura Mariella Abela – Kunsillier
Is-Sur Marcell Tabone – Kunsillier

Uffiċjal Preżenti:
Is-Sinjura Miriam Attard – Segretarju Eżekuttiv

Minuti

Is-Sindku Brian Azzopardi ppresjeda l-laqgħa.

24.1 Talba

Il-laqgħa bdiet fid-09:00. Intqagħlet it-talba tal-bidu.

24.2 Qari tal-ittri ta' apoloġija

24.2.1 Inqraw l-ittri t'apoloġija tal-membri skużati.

24.3.1 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti

24.3.1 Billi l-minuti tal-laqgħa bin-numru 23 ġew iċċirkulati minn qabel, dawn ġew meqjusa bħala moqrija.

24.3.2 Ma kienx hemm korrezzjonijiet.

24.3.3 Il-minuti ġew approvati.

24.4 Komunikazzjoni mis-Sindku

24.4.1 Is-Sindku qal li l-arblu tas-CCTV camera li tpoġġa eżatt mal-monument ta' Wistin Camilleri, fi Triq Fortunato Mizzi ser jiġi rilokat. Dan peress li estetikament ma jidhirx tajjeb. Tpoġġa f'dan il-post wara li l-kuntrattur iddeċieda waħdu, mingħajr ma kkonsulta ma ħadd għax qal li fejn ġie indikat li jsir oriġinarjament, kien hemm ħafna *cables* għaddejjin. Il-kamera li tpoġġiet fi Triq Palma, ukoll ma tpoġġietx fil-post oriġinali peress li s-sid tad-dar fejn kein ser jitpoġġa l-arblu, oġġezzjona. Il-Kunsill kien bidel il-post u issa tpoġġa biswit il-palma. Dan il-proġett qed isir wara li saru l-konsultazzjonijiet mal-Pulizija u bil-fondi allokati mill-iskema tad-Diviżjoni għal Gvern Lokali, SPI/SCI/4/2023 – Komunitatjiet Aktar Siguri u Organizzati.

Hawnhekk is-Sindku ġibed l-attenzjoni tal-kunsilliera li jikkumentaw fuq il-mezzi soċjali qabel jaraw il-fatti eżatt kif ikunu. Fuq din il-materja hemm tal-inqas 85 imejl. Hemm imejls li juru li l-kuntrattur qabad u ddeċieda waħdu li jpoġġi l-arblu ta' Triq Fortunato Mizzi fejn qiegħed illum. Tenna wkoll li hu kien l-unika kunsillier li kien ivvota kontra li jsiru dawn il-kameras.

24.4 Korrispondenza, ilmenti u suġġerimenti

Tressqet korrispondenza mingħand:-

24.5.1 il-Ministeru għall-Gvern Lokali u Xogħolijiet Pubbliċi rigward il-Community Vaccination Scheme;

24.5.2 il-Ministeru għall-Edukazzjoni u Sport rigward Sessjoni - Bil-Qari u l-Kitba nsib Spazju għal Qalbi;

24.5.3 l-uffiċċju Active Ageing and Community Care rigward stedina għall-avveniment li jimmarka l-estensjoni tal-ħinijiet tas-servizz Silver T.;

24.5.4 il-Gozo Regional and Development Authority (GRDA) rigward stedina għall-The Gozo Climate Neutrality Conference;

24.5.5 l-EUPA rigward Erasmus+ Opportunity for Municipal Representatives – Cyprus and Malta;

id-Diviżjoni għall-Gvern Lokali rigward:-

24.5.6 l-inizjattiva Sport Integrity in the Community;

24.5.7 opportunitajiet ta' tagħlim online - URBACT;

24.5.8 C3 free advisory programme: Materials on the programme and calls for applications;

24.5.9 SPI/SCI/02/2026 -Lokalitajiet aktar nodfa, fejn ser isir il-pagament kollu ta' €775 fir-rigward tal-*cleanup* li ġiet organizzata bil-kollaborazzjoni tal-Victoria Scout Group nhar is-26 ta' Settembru, 2026,

Reġjun Għawdex rigward:-

24.5.10 ringrazzjament lill-Kunsill talli pparteċipa u ta s-sehem tiegħu fiż-żjara tat-tfal u żgħażagħ Ukreni f'Awwissu li għadda;

24.5.11 sejħiet li huma miftuħa rigward fondi mill-Unjoni Ewropea;

24.5.12 il-European Week for Waste Reduction 2026;

24.5.13 is-Coeliac Association Malta li qed joffru għajnuna biex jinħoloq għarfien fuq din il-kundizzjoni;

l-Assoċjazzjoni għall-Kunsilli Lokali rigward:-

24.5.14 Cir AKL 2026/063 – Proċedura għall-Kontroll tal-Ħamiem Selvaġġ u Servizzi tas-Saħħa;

24.5.15 Cir AKL 2026/065 – Espressjoni ta' Interess – Proġett Pilota għall-Ġbir taż-Żejt u Tisjir Użat;

24.5.16 Cir AKL 2026/066 – Stedina – Konferenza Malta Urbana 2026;

24.5.17 il-Community Police rigward rapport li sar lill-ERA dwar rimi llegali ta' boroż fi Triq Ġorġ Borg Olivier;

l-Awtorita' tal-Ippjanar (PA) rigward:-

24.5.18 Appell: 00284/26, referenza: PA/01840/26;

24.5.19 Appell: 00034/26, referenza: PA/01844/25;

24.5.20 is-Segretarja tal-Kumitat għall-Ismijiet tat-Toroq – Għawdex, rigward l-avviż ippubblikat dwar il-prolungament ta' Triq Ġorġ Pisani;

24.5.21 il-Perit Scerri fejn għarraf lill-Kunsill bid-dettalji ta' PA/06494/25, ta' 94, Triq G.P. F. Agius De Soldanis, kantuniera ma' Triq Palma. Dawn juru li hemm il-permess tal-bieb fi Triq G.P. F. Agius De Soldanis;

24.5.22 residenti f'The Duke Residence u s-sid ta' The Duke Boutique Hotel fejn talbu l-intervent tal-Kunsill fuq PA/04986/25 u qed jiproponu li l-grawnd tal-futbol Leli Farrugia jiġi rilokat sabiex tiġi protetta din ir-residenza minn storbju, dwal, u privatezza. Is-Sindku qal li l-Kunsill ma kienx ikkonsultat waqt li kienu qed isiru l-pjanti tal-proġett minn naħa tal-Ministeru għal Għawdex. Qal li sar jaf bil-proġett waqt preżentazzjoni tal-proġett li saret mill-Gozo Regional and Development Authority (GRDA). Fl-istess preżentazzjoni innota li fejn tidħol il-*playing field* kien hemm affarijiet mhux konformi mal-proġett tal-Kunsill għal istess *playing field*, fosthom li t-triq tal-ġenb kienet ħa tibqa li jgħaddi t-traffiku minnha. Il-Kunsill kien oġġezzjona u issa ser issir pedonali. Is-Sindku tenna li l-grawnd mhux jintuża għall-logħob minħabba li hu l-unika grawnd f'Għawdex li mhux devolut. Meta jsir il-proġett dan il-grawnd ikun jista' jintuża biss mit-tfal peress li m'hemmx *area* biżżejjed sabiex jintuża għall-logħob *11 a-side*. Żied ukoll li tkellem mas-Segretarju Permanenti fi ħdan il-Ministeru għal Għawdex u dan qal li f'din il-fażi hu mpossibli li jiġu emendati l-pjanti minħabba ż-żmien, permessi, finanzi, eċċ. Ir-rilokazzjoni tal-grawnd fejn qed jiġi suġġerit tinvolvi iktar spejjeż peress li s-*soft area* trid issir fuq il-konkos/bjut. Is-Sindku qal li s-Segretarju Permanenti spjega dan kollu lir-residenti ta' The Duke. Finalment il-membri tal-Kunsill jaqblu li ma tgħamilx differenza fejn isir il-grawnd f'dan il-proġett u dan dment li ma jiċkienx l-istess grawnd. Il-laqgħa ġiet sospiża u resident minn The Duke ġie mistieden jitkellem.

Wara tkompliet il-laqgħa u tkompliet titressaq il-korrispondenza mingħand:-

24.5.23 l-Oasi Foundation rigward sessjonijiet ta'- Addiction Conversations: Building Awareness & Strengthening Communities;

_____

Il-membru Buttigieg skuża ruħu u ħareġ mill-laqgħa.

_____

24.5.24 l-Av. Joshua Grech, li kiteb għan-nom ta' resident fi Triq ta' Wara s-Sur fejn ilmenta li hemm bankini mhux livell u huma perikolużi għall-pedonali. Din il-parti tat-triq taqa' f'idejn il-Kunsill. Il-bankini in kwistjoni ma sarux mill-Kunsill. Il-membri qablu li l-Avukat tal-Kunsill titkellem ma' l-Av. Grech biex tinstab l-aħjar soluzzjoni;

24.5.25 persuna li toffri għall-bejgħ gaġeg sabiex jinqabad il-ħamiem selvaġġ. Il-Viċi Sindku qal li għandna nqabbdu lil xi ħadd jieħu ħsieb din il-problema skont ir-regolamenti li nħarrġu dan l-aħħar. Is-Sindku qal li l-gaġeġ mhux ħa jaħdmu peress li l-ħamiem jidra l-post minn fejn ikunu qed jinqabdu. L-unika soluzzjoni hi li dawn jinqatlu jew jitnixxfu l-funtani u kull sors ta' ilma. Qal li dan għandu jkun proġett nazzjonali u mhux li l-Kunsill jidħol għall-ispejjeż waħdu. Il-Viċi Sindku ssuġġerixxa li ssir ittra fejn jiġi spjegat lir-residenti li dan għandu jkun proġett nazzjonali u ffinanzjat mill-Gvern. Hu tenna li hu xorta jibqa favur li dawn il-gaġeġ jiġu ppruvati mill-Kunsill. Is-Sindku qal li l-piż finanzjarju hu kbir wisq biex jiġi merfugħ mill-Kunsill u dan peress li barra li jridu jinxtraw il-gaġeg iridu jinstabu l-postijiet fejn jitpoġġew biex jieħdu ħsiebhom kuljum u oħrajn biex il-ħamiem jittieħed l-biċċerija.

24.5.25 resident li qed jissuġġerixxi li ssir *clean up* fl-*area* ta' Triq l-Ewropa nhar is-Sibt, 17 t'Ottubru filgħodu. Il-membri qablu li ssir din l-attivita. Għandu jintalab lit-Taqsima Eko-Għawdex sabiex jipprovdu l-boroż w ingwanti u l-Kunsill jipprovdi l-iskip;

24.5.26 sid ta' ħanut fi Triq San Ġorġ fejn ilmentat li qed ikun hemm il-vetturi pparkjati fit-triq li hi dejqa. Il-Kunsill ser jgħaddi dan l-ilment lill-*Communituy Police*;

24.5.27 il-Community Police fejn intalbet laqgħa mal-Awtorita' tal-Artijiet, mal-MTA u mal-Pulizija rigward is-sitwazzjoni tal-imwejjed u siġġijiet fi Pjazza San Ġorġ. Din intbagħtet wara li xi ġranet ilu reġá kien hemm il-bżonn tal-ambulanza u din ma daħlitx fil-pjazza minħabba l-ingombru li kien hemm bl-affarijiet tal-ħwienet fi Triq San Ġużepp u l-imwejjed u s-siġġijiet li kien hemm impoġġija illegalment fi Pjazza San Ġorġ. Il-Viċi Sindku qal li għandna noħorġu stqarrija. Is-Sindku qal li l-Kunsill m'għandux jiġġieled is-sitwazzjoni waħdu, dment li m'għandux ġurisdizzjoni. Il-Viċi Sindku qal li għalhekk il-Kunsill għandu joħroġ din l-istqarrija li tkun iffirmata mill-Kunsill, mhux mis-Sindku biss, sabiex ir-residenti jkunu jafu bil-posizzjoni tal-Kunsill.

Is-Sindku sostna li, fir-rigward tal-kwistjoni ta' Pjazza San Ġorġ, tħalla waħdu jiddefendi l-pożizzjoni eżistenti, minkejja li kienu ġew mistiedna diversi entitajiet marbuta mal-pjazza sabiex jieħdu sehem fi programmi ta' diskussjoni dwar din il-kwistjoni. Is-Sindku rrimarka li kien hu biss li attenda għal dawn il-programmi.

Is-Sindku kompla billi qal li ma għandu l-ebda problema joħroġ stqarrijiet pubbliċi, iżda saħaq li l-pożizzjoni tiegħu għandha tkun sostnuta b'konsistenza u mhux tinbidel skont iċ-ċirkostanzi. Bħala eżempju, semma l-kwistjoni tal-alarm, fejn huwa kien ħa l-parir tal-Viċi Sindku, li kien esprima qbil miegħu. Madankollu, skont is-Sindku, wara li tpoġġew diversi posts fuq Facebook kontra l-alarm, il-Viċi Sindku beda jagħmel *likes* u jikkummenta favur dawk li kienu qed jopponu din il-miżura. Is-Sindku ddeskriva dan l-aġir bħala wieħed ta' "faċċol".

Il-Viċi Sindku insista li fil-minuti kellu jitniżżel li s-Sindku kien iddeskrivieh bħala "faċċol". Is-Sindku wieġeb li, jekk il-Viċi Sindku kien qed jinsisti li din id-dikjarazzjoni titniżżel fil-minuti, allura kellhom jitniżżlu wkoll id-dikjarazzjonijiet u l-episodji l-oħra li, sa dak il-mument, kien għażel li ma jsemmix.

F'dan il-kuntest, is-Sindku semma l-episodju relatat mal-pubblikazzjoni fuq Facebook li kienet saret mill-Viċi Sindku madwar siegħa qabel it-tħabbira uffiċjali li l-Belt Victoria kienet ingħatat it-titlu ta' Belt Kapitali Ewropea tal-Kultura 2031. Is-Sindku sostna li din il-pubblikazzjoni kienet saret b'mod irresponsabbli, meta l-ġurija kienet għadha qed tiddelibera dwar l-għoti tat-titlu. Skont is-Sindku, il-ġurija kienet wissiet li l-proċess se jiġi sospiż jekk il-post ma jitneħħiex. Huwa spjega li kellu jċempel personalment lill-Viċi Sindku sabiex dan ineħħi l-pubblikazzjoni, u żied li membri tal-Fondazzjoni Victoria 31 kienu wkoll għamlu talba simili. Semgħa kif anki sar ċempil mill-OPM, Ministru tal-Kultura, Ministru għal Għawdex, membri tal-Fondazzjoni V18 u persuni oħra jipprotestaw kif segħet toħroġ aħbar bħal dik meta l-ġurati kienu għadhom jiddeliberaw.

Il-Viċi Sindku wieġeb li kulħadd kien jaf li Victoria kienet se tingħata t-titlu. Is-Sindku staqsieh min kien għaddielu din l-informazzjoni, b'mod partikolari fid-dawl tal-fatt li, skont is-Sindku, il-Viċi Sindku ma kienx involut fil-Fondazzjoni Victoria 31. Il-Viċi Sindku wieġeb li ma kienx

tort tiegħu li ma kienx involut fil-Fondazzjoni. Għal dan, is-Sindku wieġeb li fil-Fondazzjoni kien jirrappreżenta lill-Belt Victoria s-Sindku biss, kif kien isir ukoll mill-predeċessur tiegħu.

Is-Sindku sostna wkoll li ma kienx baqa' jieħu lill-Viċi Sindku miegħu għal-laqgħat, billi, skontu, f'okkażjoni partikulari l-Viċi Sindku, wara laqgħa mal-Ministru għal Għawdex fejn fiha kien hemm diversi kunsilliera preżenti, kien aġixxa mingħajr ma kkonsulta lill-kunsilliera l-oħra u sussegwentement kien ippubblika artiklu f'gazzetta lokali dwar din il-laqgħa li, skont is-Sindku, kien fih diversi ineżattezzi. Is-Sindku żied jgħid li dan l-episodju kien wassal għal reazzjoni negattiva fost il-kunsilliera sħabu.

Is-Sindku kompla billi qal li kellu informazzjoni li l-Viċi Sindku kien irrapurtah lis-superjuri tiegħu fuq il-post tax-xogħol. Skont is-Sindku, dan kien seħħ wara li l-Viċi Sindku bagħat messaġġ lill-Principal tal-Kulleġġ ta' Għawdex, fejn allega li s-Sindku kien jinsab mal-Kap tal-Partit Nazzjonalista fi Pjazza San Ġorġ waqt il-ħin tal-iskola. Is-Sindku ċaħad din l-allegazzjoni u sostna li ma kienx jinsab mal-Kap tal-Partit Nazzjonalista fi Pjazza San Ġorġ, u li, fi kwalunkwe każ, fejn kien jinsab kien hemm bil-permess tal-awtoritajiet tal-iskola. Dan ikkonfermah ukoll il-Prinċipal tal-Kulleġġ.

F'dan ir-rigward, is-Sindku enfasizza li huwa qabel kollox hu missier ta' erbat itfal u li għandu familja xi jmantni. Huwa sostna li allegazzjonijiet bħal dawn li, skontu, huma foloz, jistgħu jipperikolaw l-għajxien tiegħu u tal-familja tiegħu u għalhekk huma kundannabbli.

Is-Sindku sostna ukoll li ma hux etiku li l-Vici Sindku jagħmel likes meta jiġi attakkat operat tal-Kunsill. Bħala kunsillier dawn l-affarijiet skond is-Sindku ma għandhomx isiru.

Fl-aħħar nett, is-Sindku semma wkoll attentat sabiex titressaq mozzjoni ta' sfiduċja kontrih u biex jitpoġġa hu Sindku. Il-Viċi Sindku inizjalment qal li ma kienx jaf b'din il-mozzjoni, iżda sussegwentement qal li kien ipprova jżommha milli titressaq. Is-Sindku talab lill-Viċi Sindku jieqaf jagħti verżjonijiet kontradittorji, billi, skontu, jew ma kienx jaf bil-mozzjoni jew kien ipprova jżommha. Is-Sindku temm billi sostna li l-mozzjoni (li taha għandu koppja) ma tressqitx formalment għaliex, skontu, ħadd mill-kunsilliera ma kien lest li jiffirmaha u ta' dan jirringrazzjhom.

Wara li kkalmat id-diskussjoni tkompliet titressaq il-korrispondenza mingħand:-

24.5.28 residenta fi Triq 31 ta' Marzu fejn resqet ilment rigward il-kundizzjoni ħażina tat-triq bil-konsegwenza li jinżamm l-ilma tax-xita. Il-membri qablu li jsir rapport lill-Gvern Ċentrali sabiex titranġa it-triq;

24.5.29 Fapi Motors fejn bagħtu dettalji rigward vetturi li għandhom fis-suq u li jaħdmu bl-elettriku;

24.5.30 l-Allegrija Foundation rigward servizzi w attivitajiet li toffri din il-fondazzjoni. Il-Kunsill diġa' uża s-servizz ta' din il-fondazzjoni fl-attivita' Kids in the City ta' din is-sena;

24.5.31 il-President ta' Chess Buddies & Mates Community rigward spazju għall-attivitajiet li jorganiżżaw;

24.5.32 Len & Jacob Wellness fund rigward talba ta' no objection għas-7th Annual Len & Jacob Wellness Fund Challenge- 4th October 2026. Dan ingħata minn naħa tal-Kunsill.

24.6 Immaniġjar tat-Traffiku

24.6.1 Transport Malta (TM) approvat parkeġġ riservat għall-persuni b'diżabilita' personalizzat quddiem 'Sparvier', Triq Sant' Orsola.

24.6.2 TM approvat parkeġġ riservat għall-persuni b'diżabilita' permanenti quddiem 'St. Jude', Triq Fortunato Mizzi.

24.6.3 TM approvat *traffic mirror* quddiem garaxxijiet, 115, Triq Santa Dminka.

24.6.4 Rigward il-parkeġġ ta' Triq l-Ewropa, TM qalet li dan ser jiżdied peress li ser isir in-naħa l-oħra tat-triq. Il-Kunsill jibqa' tal-fehma li s-soluzzjoni għall-*junction* ta Triq l-Ewropa ma' Triq Viani hi li jsiru *traffic lights*.

24.6.5 Tressqet korrispondenza mingħand il-Pulizija fejn intalab li jsiru tabelli ta' *no entry* u *no left turn* fi Triq Palma. Ser jintalab il-permess ta' TM.

24.6.6 Tressqet korrispondenza mingħand resident li talab *double yellow line* biswit il-garaxx ta' 'Tota Pulchra' fi Triq l-Universitas. Ser jintalab il-permess ta' TM.

24.6.7 Tressqet talba sabiex isiru sinjali sofor quddiem l-entratura tal-ħanut 'Kiddietot' fi Triq Qasam San Ġorġ. Intalab ukoll sabiex jiġu mmarkati l-*parking bays*. TM talbet pjanta li turi t-*traffic management* propost.

24.7 Belt Kapitali Ewropea għall-Kultura

24.7.1 Is-Sindku qal li kif jaf kulħadd ir-Rabat, għadda u ġie magħżul sabiex ikun il-Belt Kapitali Ewropea għas-sena 2031. Dan hu unur kbir għal Beltna u hu l-akbar titlu li seta jiġi akkwistat wara t-titlu ta' Belt tal-1887. Dan kien jinvolvi xogħol kbir u professjonali bejn il-Kunsill, Reġjun Għawdex u l-Fondazzjoni Victoria 2031, b'din ta' l-aħħar tkun l-entita' li tmexxi l-*bid*. Fl-ewwel *bid* konna f'kompetizzjoni mal-Birgu, u din ġiet skartata ma' l-ewwel fażi. It-tieni *bid* kienet iktar konċiża. La l-Kunsill, la Reġjun Għawdex u lanqas il-fondazzjoni ma ndaħħlu xejn lit-tim artistiku li ħejja il-*bid book*. Saret konsultazzjoni fuq firxa wiesgħa u kien hemm espressjoni ta' nteress sabiex it-tim artistiku idaħħal il-proġetti.

24.7.2 Iż-żjara tal-ġurija saret fit-22 ta' Settembru, 2026. Kienet ġurnata pjanata tajjeb ferm u kienet impenjattiva. Is-Sindku laqà l-membri tal-ġurija fil-Banca Giuratale. Għaż-żjara tal-ġurija attendew anke' il-Ministru għal Għawdex, Clint Camilleri u l-Ministru għal Arti, Kultura, u l-Wirt Nazzjonali, Dr Malcolm Paul Agius. Attendew ukoll is-Segretarji Permanenti tagħhom flimkien mal-Gvernaturi tal-Fondazzjoni Victoria 2031. Fil-Banca Giuratale, John Cremona wera u preżenta dokumenti importanti u relatati mar-Rabat u t-titlu li ngħata meta sar Belt.

24.7.3 It-tieni *bid* tressqet l-għada, 23 ta' Settembru, 2026 fil-Valletta Design Cluster, fil-Belt Valletta. Kien hemm preżentazzjoni fejn fiha, fost oħrajn tkellmu s-Sindku, il-President tar-Reġjun u d-Direttur Artistiku. Wara l-preżentazzjoni kien hemm 45 minuta ta' mistoqsijiet mill-ġurija.

24.7.4 Is-Sindku qal li fl-ewwel *bid*, li kienet saret fit-3 ta' Novembru, 2026, kien tkellem fuq għaliex il-Belt Victoria għandha tintgħażel bħala l-Belt Kapitali Ewropea għall-Kultura 2031 u dan it-titlu x'jista' jagħti lill-Belt Victoria. Fit-tieni *bid* , tkellem mill-lat oppost, x'tista' tagħti l-Belt Victoria lill-Ewropa jekk tingħata t-titlu. Dan siltu minn kumment ta' waħda mill-ġurati fejn baqgħet impressjonata bil-qawwa tal-volontarjat li għandna fejn gżira żgħira tant sawret kultura aħseb w ara Ewropa magħquda kemm tista' ssawwar aktar kultura.

24.7.5 Is-Sindku kkonkluda w qal li dan it-titlu iġib miegħu sfidi kbar. Bliet oħra li kellhom dan it-titlu nistgħu ngħidu li ġew trasformati. Irridu naraw li t-trasformazzjoni tkun għall-pożittiv.

24.8 Riġenerazzjoni – Ġnien Qasam San Ġorġ

24.8.1 Is-Sindku qal li l-Kunsill applika għall-permessi meħtieġa kollha u fil-preżent qed nistennew il-ħruġ ta' dawn il-permessi.

24.9 *Playing Field*

24.9.1 Is-Sindku għarraf lill-membri li ġiet sottomessa l-applikazzjoni (LC1/2026/0093) mal-Awtorita' tal-Artijiet rigward ir-riġenerazzjoni tal-*Playing Field*. Dan wara li ġew aġġornati l-istejjem tal-Perit fejn żdiedu l-ġibjuni. L-istima telgħet madwar 4 miljuni.

24.9.2 Ġiet sottomessa wkoll l-applikazzjoni mal-Awtorita' tal-Ippjanar bit-*tracking number* 310655.

24.10 Attivitajiet organizzati mill-Kunsill

Il-membri qablu li jiġu oragnizzati dawn l-attivitajiet li issa daħlu fil-kalendarju tal-attivitajiet annwali tal-Kunsill:-

24.10.1 attivita' għall-anzjani nhar it-28 ta' Ottubru, 2026. Din il-ħarġa tkun tinkludi quddiesa fil-knisja tax-Xlendi, tombla w ikla;

24.10.2 *weekend break* għar-residenti, Malta, bejn l-4 u s-6 ta' Diċembru, 2026;

24.10.3 il-kunċert Strings For Christmas 2026, ser isir nhar il-Ħadd, 27 ta' Diċembru, 2026 fil-Knisja Konventwali ta' San Franġisk. Ser tiġi sottomessa applikazzjoni mal-*Culture Fund* tal-Ministeru għal Għawdex sabiex jiġu akkwistati fondi għal dan il-kunċert. Waqt il-kunċert issir ġabra għall-*Community Chest Fund*;

24.10.4 *Children's Cinema Day* fil-vaganzi tal-Milied;

24.10.5 Tressqet proposta sabiex tittella attivita f'Jum il-Mara (Marzu 2027). Il-membri qablu li tiġi sottomessa applikazzjoni biex jiġu akkwistati fondi għal din l-attivita' mill-*Culture Fund* tal-Ministeru għal Għawdex.

24.11 Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-iskedi tal-pagamenti

24.11.1 Ġew approvati l-kontijiet għax-xahar t'Awwissu 2026, skont dokument A anness.

24.12 Xogħolijiet oħra

24.12.1 Tressqet talba ta' bankina ġdida quddiem binja ġdida fi Triq is-Sagħtar. Billi ġdida, ser issir talba lill-Ministeru għal Għawdex.

Il-membri qablu li:-

24.12.2 jiġi organizzat kunċert bl-isem *Intermezzo for Strings*, il-Hadd, 25 t'Ottubru fil-knisja ta' San Franġisk. Ma tinqabiżx s-somma ta' €300;

24.12.3 tiġi organizzata attivita' bit-tberik tal-annimali fl-okkażżjoni t'egħluq it-800 sena mill-mewt ta' San Franġisk. L-attivita' ser issir fl-*area* tal-Kapuċċini u ma tinqabiżx is-somma ta' €500;

24.12.4 il-Kunsill jieħu ħsieb il-loġisitka sabiex jittella l-musical fl-Oratorju Don Bosco f'Novembru, 2026.

24.12.5 Il-Viċi Sindku ġibed l-attenzjoni li hemm ħsara kbira fin-niċċa ta' San Alwiġi Consaga ta' Triq Karita'. Din ser tibda tiġi restawrata eżatt wara li jitlesta x-xogħol fir-restwar tan-niċċa tal-Kunċizzjoni ta' Pjazza Savina. Il-permessi huma kollha maħruġa.

24.13 Tmiem il-laqgħa u data tas-seduta li jmiss

Il-laqgħa tal-Kunsill intemmet f'nofsinhar u kien hemm qbil unanimu bejn il-membri li d-data tal-laqgħa li jmiss tiġi miftehma aktar 'il quddiem.

Konfermati, illum, it-Tnejn, 26 t'Ottubru, 2026.

Brian Azzopardi
Sindku

Miriam Attard
Segretarju Eżekuttiv